# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 31 ta' Mejju, 2016

**Talba Nru:** 74/16 DMA

## Dulcissima Limited

## Vs

## John Farrugia (KI.540258M) u Theresa Farrugia (KI. 162257M)

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Marzu, 2016 fejn is-socjeta' attrici talbet billi s-socjeta' rikorrenti kienet ser tikri l-fond bin-numru mija sitta u sittin (166) gewwa Triq il-Kappillan Mifsud, St. Venera.

U billi s-socjeta' rikorrenti fit-2 ta' Ottubru 2015 hallset is-somma ta' hames mitt Ewro (€500) bhala depozitu ghall-kirja tal-imsemmi fond fuq istruzzjonijiet tal-intimati.

U billi ghal din is-somma giet rilaxxata debita ricevuta datata tnejn (2) ta' Ottubru elfejn u hmistax (2015) liema ricevuta qed tigi annessa u markata bhala Dok 'A'.

U billi l-ftehim ta' lokazzjoni qatt ma gie ffirmat minhabba ragunijiet u tortijiet unikament imputabbli lill-intimati.

U billi l-intimati minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex jirrifondu d-depozitu mhallas mis-socjeta' rikorrenti kif hawn fuq spjegat baqghu inadempjanti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara illi s-socjeta' rikorrenti hallset lill-intimati flimkien u solidament [jew min minnhom] s-somma ta' hames mitt Ewro (€500) bhala depozitu ghall-kirja tal-fond bin-numru mija sitta u sittin (166) gewwa Triq il-Kappillan Mifsud, St. Venera.
2. Jiddikjara illi l-intimati flimkien u solidament (jew minn minnhom) huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' hames mitt ewro (€500);
3. Jikkundanna lill-intimati flimkien u solidament (jew min minnhom) sabiex ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hames mitt ewro (€500).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimati bl-ingunzjoni tal-intimati in subizzjoni.

Il-konvenuti debitament notifikati pprezentaw risposta fid-29 ta' Marzu, 2016 fejn eccepew illi l-ammont mitlub mill-atturi m'huwiex dovut minnhom u dan in vista tas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi, fl-ewwel lok, is-somma reklamata mill-atturigiet mghoddija minnhom lill-esponenti sabiex l-atturi stess jassiguraw ruhhom li l-esponenti ma kienetx ser tibda negozjati ma terzi dwar l-istess fond;

2. Illi, fit-tieni lok, l-esponenti mxew skrupolozament ma dak pattwit u ghall-fatt li l-ftehim ta' lokazzjoni baqa' qatt ma gie ffirmat jahtu eskluzzivament l-istess atturi.

3. Illi m'huwiex minnu illi tali ftehim ma giex iffirmat ghal ragunijiet imputabbli lill-esponenti imma biss minhabba t-tort tal-istess atturi.

4. Illi ghaldaqstant l-esponenti m'ghandhom jirrifondu xejn mis-somma indikata fl-avviz u t-talbiet attrici ghandhom jigu michudha bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

It-Tribunal wara li semgha liz-zewg partijiet jispjegaw kif graw l-fatti gie ghal konkluzzjoni illi din il-kawza li kienet tirrigwarda kirja ta' hanut li s-socjeta' attrici kienet ser taghmel minghand il-konvenuti ma sehhx minhabba illi l-konvenuti ma setghux jew ma ridux jintrabtu fil-kuntratt illi s-socjeta' attrici ma kienetx ser issib problem sabiex twahhal ic-cumnija mal-bitha. Il-konvenuti gabu l-permess tas-sid ta' fuq tal-fond pero' waqqfu hemm ma ridux illi dan il-permess jigi nkluz fil-kuntratt tal-kirja.

Dan is-socjeta' attrici ma ghandhiex tort illi ma accettawx ghaliex kienet avzat mill-bidu nett l-iskop tal-kirja ghal xhiex kien.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi din il-kirja ma sehhitx mhux b'tort tas-socjeta' attrici izda peress illi l-konvenuti ma setghux joffri u jigarantixxu dak li talbet is-socjeta' attrici u li ghamlet car li huwa important mill-bidu nett.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' hames mitt ewro (€500) lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu billi kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**